**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju, 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 135/2017 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 474/1998)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa' mija, tmienja*

[1] Fol. 1.

*u disghin (02.05.1998);*

2. *Illi matul iz-zwieg taghhom, nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (21.09.2004), twieled l-iben D B;*

3. *Illi z-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn u dana minhabba, fost affarijiet ohra eccessi, ingurji, sevizzi u adulterju kommess mill-intimat fuq martu;*

4. *Illi bhala stat ta' fatt il-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto ghal diversi xhur, filwaqt li l-minuri jabita mal-esponenti omm, u ghandu access limitat ghall-Missier u dan skont ix-xewqat espressi tieghu , kif amke kkonfermati mic-Child Psychologist Carmen Sammut; u dan anke b'konsegwenza tal-fatt li l-konvenut qatt ma bena rabta mal-iben stante li huwa dejjem ghazel li jqatta' hinijiet twal barra mid-dar, tant li wara x-xoghol huwa kien ta' kulum imur fil-kazin tal-lokal, minflok jirritorna d-dar u jqatta' hin mal-familja;*

5. *Illi l-konvenut donnu qatt m'accetta tali decizjoni u minn dak iz-zmien 'l hawn l-affarijiet marru ghall-aghar; u waslu ghall-intransigenza da prti tieghu li waslu biex il-partijiet ma jaslux ghal separazzjoni konsenswali;*

6. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (23.05.2017);*

*Jgħid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, ingurji, sevizzi u adulterju kommess mill-intimat fuq martu; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-inuri D esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, b'dana illi l-minuri jirrisjedi mal-omm, li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-iben D u dan sakemm l-istess wild jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

4. *Tiffissa manteniment ghar-rikorrenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

5. *Tordna li l-manteniment li ser jigi likwidat kemm ghall-iben u kemm ghar-rikorrenti jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

7. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

8. *Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lill-istess rikorrenti;*

9. *Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;*

10. *Taplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti jaqbel illi huwa kien iżżewweġ lil A B u li miż-żwieġ tagħhom kien twieled il-minuri D illi illum għandu tnax-il-sena. Illi l-istess esponenti jaqbel ukoll illum iż-żwieġ tagħhom sfaxxa fix-xejn ma dan kollu ma jaqbilx illi dan seħħ mtort tiegħu iżda kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża dan iż-żwieġ sfaxxa tort unikament tar-rikorrenti u cioe A B.*

2. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici l-esponenti qed jaqbel illi tiġi pronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti iżda minħabba ħtija imputabbli unikament lil attriċi u dan minħabba raġunijiet li ser jiġi pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li l-esponenti qed jgħaddi sabiex iressaq it-talbiet opportuni rigward dan permezz ta' kontro-talba. Għalhekk isegwi illi għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba attriċi in kwantu tattribwixxi tort lil esponenti għas-separazzjoni personali din hija infondata kemm il-fatt kif ukoll fid-dritt u għalhekk għandha tiġi miċħuda mnn din l-Onorabbli Qorti.*

3. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni talba attriċi dwar il-kura u kustodja tal-minuri D din it-talba għandha tiġi miċħuda stante illi mhijiex fl-aħjar interess tal-minuri illi l-kura u kustdja tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi. Illi l-kura u l-kustodja għandha tkun konġunta bejn il-partijiet bil-minuri jkollu r-residenzaa ordinarja tiegħu mal-komparenti attriċi.*

4. *Illi f'dak li jirrigwardja t-tielet talba attriċi in rigward il-manteniment għal minuri D l-esponenti jaqbel illi jħallas manteniment adegwat għal bżonijiet tal-minuri u dan meħud in konsiderazzjoni u l-bżonnijiet tal-minuri kif ukoll l-introjtu tal-esponenti, li għandu paga minima u li għalhekk il-manteniment*

[2] Fol. 10.

*għandu jkun wieħed adegwat.*

5. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mar-raba' taba attriċi din għandha tiġi miċħuda u dan stante illi l-attriċi għandha tmur taħdem sabiex tkopri l-bżonnijiet tagħha. Illi in oltre l-attriċi diġa tipperċepixxi flejjes, anke mhux dikjarati u ukoll hija ddekadiet min kull dritt li titlob manteniment wara li hija stess kienet il-kaħun li wassal għal firda personali bejn il-partijiet.*

6. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħames talba din għandha titlaqa' b'mod limitat fis-sens illi l-esponenti ma jsib l-ebda oġġezzjoni illi l-manteniment jitnaqqas direttament mis-salarju tieghu diment li l-manteniment ikun għal ibnu l-minuri. Illi l-esponenti qed jopponi għal kull manteniment u tnaqqis mis-salarju tiegħu li jkun dovut lill-attriċi għal bżonnijiet tagħha;*

7. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mas-stt talba attriċi l-esponenti qed jaqbel I tiġi xolta u terminata l-kommunjoni tal-akkwisti u li l-istess oġġetti formanti parti min komunjoni tal-akkwisti jiġi diviżi u assenjati lil partijiet b'dan pero l-esponenti qed jopponi għal dak indikat fit-talba attriċi u cioe li huwa iddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol jew ħila tal-attriċi u dan stante illi din hija nfondata fil-ftt u fid-dritt u dank if ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

8. *Illi in rigward is-seba' talba din għandha tiġi miċħuda stante illi jekk il-ġid mhux formanti mill-komunjoni tal-akkwisti allura huwa parafernali u allura huwa tal-parti li għandha tali ġid. Għalhekk ma hemm xejn li din l-Onorabbli Qorti għandha tiddividi.*

9. *Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tmien u disa' talbiet attriċi dawn għandhom jiġu miċħuda u dan stante illi l-esponenti ma għandux l-ebda ass parafernali jew dotali tal-attriċi anzi hija l-attriċi li żammet assi parafernali tal-esponenti.*

10. *Illi fir-rigward tal-għaxar talba din għandha tiġi miċħuda tant illi l-Onorabbli Qorti għandha tapplika l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 et seq ta-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta in toto jew in parte kontra l-attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li min issa hija nġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant,[3] fejn irrileva:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998 gewwa l-parroċċa ta' Ħal Balzan.*

2. *Illi min din l-ghaqda l-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' D B li twieled fil-wieħed u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004).*

3. *Illi z-zwieġ bejn il-partijiet tfarrak b'mod irrimedjabbli minħabba tort u tħtija imputabbli unikament lil attriċi rikonvenzjonata u dan minħabba adulterju kif ukoll eċċessi u offiżi gravi fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant.*

4. *Illi kemm ilhom separati de facto il-partijiet, l-attriċi rikonvenzjonata influwenzat b'mod negattiv lil minuri fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant. Illi fil-fatt il-konvenut rikonvenzjonant dejjem kellu relazzjoni tajba ma' ibnu u dejjem ħadem, għall-aqwa interess tal-minuri.*

5. *Illi minħabba raġunijiet attribwibbli lil attriċi rikonvenzjonata l-partijiet baqaw ma wasslux għal separazzjoni konsenswali. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet datat 23 ta' Mejju 2017.*

6. *Illi l-konvenut rikonvenzjonant jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil di l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minħabba ħtija imputabbli lill-attriċi rikonvenzjonata u tawtorizza lil*

[3] Fol. 13.

*konvenut rikonvenzjonant jgħix separatament min mal-attriċi rikonvenzjonata;*

2. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri D B tkun waħda konġunta bejn il-partijiet bir-residenza ordinarja tkun mal-omm;*

3. *Tiffissa access tal-minuri D a favur il-konvenut rikonvenzjnant u dan dejjem fl-aqwa interess tal-istess minuri;*

4. *Tiffissa manteniment għal konvenut rikonvenzjonant skont il-bżonnijiet tiegħu b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluż provediment għaż-żieda perjodika li tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja;*

5. *Tiddikjara illi l-attriċi rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi minateniment min għand il-konvenut rikonvenzjonant;*

6. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tiddividi f'żewġ prozjonijiet mhux neċessarjament ugwali in vista l-fatt li l-attriċi rikonvenzjonata hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ;*

7. *Tillikwida l-assi parafernali tal-esponenti u tassenjahom lil konvenut rikonvenzjonant;*

8. *Tordna lil attriċi rikonvenzjonata tirresttwixxi lil konvenut il-beni parafernali tiegħu;*

9. *Tapplika fil-konfront tal-attriċi rikonvenzjonata in toto jew in parte id-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi rikonvenzjonata li min issa nġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi rikonvenzjonata,[4] fejn ġie eċċepit:

[4] Fol. 19.

*Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontrotalba tiegħu, liema huma invertieri u nfondati għal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. L-esponenti tirriserva minn issa li tressq xhieda in sostenn;*

*Illi brevement jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba fost affarijiet ohra eccessi, ingurji, sevizzi u adulterju kommess mill-intimat fuq martu;*

*Illi bhala stat ta' fatt il-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto għal diversi xhur, filwaqt li l-minuri jabita mal-esponenti omm, u ghandu access limitat ghall-missier u dan skont ix-xewqat espresso tieghu, kif anke kkonfermati mic-Child Psychologist Carmen K; u dan anke b'konsegwenza tal-fatt li l-konvenut qatt ma bena rabta mal-iben stante li huwa dejjem ghazel li jqatta' hinijiet twal barra mid-dar, tant li wara x-xoghol huwa kien ta' kuljum imur fil-kazin tal-lokal, minflok jirritorna d-dar u jqatta' hin mal-familja u ghalhekk m'huwa mnnu xejn li l-esponenti b'xi mod influwenzat lill-minuri li llum huwa guvnott u jifhem bejn tajjeb x'inhu ghaddej!*

*Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet, l-esponneti tissottometti s-segwenti:*

1. *Illi hija ma toggezzjonax ghall-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan limitament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet; izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilha stante I r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huma imputabbli esklussivament lill-konvenut u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. L-esponenti ma toggezzjonax ghat-talba li l-partijiet jigu awtorizzati jghixu separatament, anke l-ghaliex dan diga' qed isir;*

2. *Illi l-esponenti qed topponi ghat-tieni talba ta' zewgha, li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn il-partijiet konguntivament. Bhala stat ta' fatt il-minuri dejjem ghex malomm u ghandu relazzjoni impekkabbli mal-istess; mhux l-istess jinghad ghar-relazzjoni li l-minuri ghandu ma' missieru fejn dawn bil-kemm jitkellmu u kien hemm okkazjonijiet fejn il-minuri anke harab minghand il-missier;*

3. *Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghat-tielet talba jekk l-minuri D juri x-xewqa li jara lill-missieru u dan dejjem jekk tali access ikun fl-interess tal-istess wild;*

4. *Illi l-esponenti topponi ghar-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonanta u dana stante illi fl-ewwel lok l-intimat kapaci jahdem u jiggenera introjtu u fil-fatt huwa jahdem fu bazi full time; di piu' jinghad illi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-konvenut rikonvenzjonant iddekada mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi manteniment minghand l-esponenti martu;*

5. *Illi l-esponenti topponi ghall-hames talba, u dan stante li m'hem l-ebda raguni valida fil-liġi li ghaliha hija ghandha titqies li ddekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha u dana gjaladarba z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat u dank if ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi l-esponenti ma topponix ghas-sitt talba tal-konvenut rikonvenzjonant fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputabbli esklussivament lir-ragel u mhux lill-esponenti u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta l-konvenut kien hati tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess;*

7. *Illi fir-rigward tas-seba' u t-tmien talbiet, sta għall-konvenut rikonvenzjonant biex jipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u/jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tai tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti qieghda topponi ghad-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront taghha l-artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant innifsu;*

9. *Illi finalment, l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonant li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[5] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi bin-numru 135/2017/1 AL ta' nhar l-24 ta' Jannar 2018,[6] fejn il-Qorti ddeċediet illi tilqa' t-talba tal-partijiet kif dedotta f'rikors konġunt, u ċjoe' ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Jannar 2022,[7] fejn il-Qorti tat il-fakolta' liż-żewġ partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomisjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi,[8] u n-nota responsiva tal-konvenut;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[10]

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu

[5] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2017, a fol. 25.
[6] Fol. 11 tal-Atti bin-Numru 135/2017/1 AL.
[7] Fol. 816.
[8] Fol. 817.
[9] Fol. 837.
[10] Fol. 816.

38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut tilef id-dritt tiegħu li jitlob u/jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B esklussivament f'idejn l-attriċi;

4. Takkorda manteniment adegwat għaliha nnifisha, kif ukoll għal minuri, liema manteniment għandu jinqata' direttament minn kwlsiasi introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti, filwaqt li għal tali diviżjoni għandha tiddikjara d-data li fiha l-konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

6. Tiddividi l-ġid komuni li ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-attriċi dawk il-beni u l-krediti parafernali u dotali tagħha.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi, filwaqt li tawtorizzah jgħix separatament minn martu;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-attriċi tilefet id-dritt tagħha li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment minn għand l-konvenut;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B konġuntivament f'idejn iż-żewġ partijiet, b'dana illi l-minuri jirrisjedi mal-attriċi u l-konvenut ikollu dritt għall-aċċess għal ibnu;

4. Takkorda manteniment adegwat għalih innifsu;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam listess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

6. Tordna lill-attriċi tikkonsenja lill-konvenut dawk il-beni kollha parafernali tiegħu sabiex.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[11] l-attriċi tispjega illi fl-1995 kienet taħdem ġewwa Ħal Balzan f'ħanut tal-ħwejjeġ, u minn hemm saret taf lil konvenut għaliex meta kien jonqoshom xi affarijiet għal ħanut l-attriċi kienet tmur tixtri mill-ħanut fejn kien jaħdem il-konvenut u kienu joqgħodu jitkellmu. Għalkemm dak iż-żmien l-attriċi kienet f'relazzjoni oħra, hi kienet waqfet tali relazzjoni u konsegwentament il-konvenut kien saqsiha biex imorru għal *drink* flimkien, fejn kienet aċċettat u minn dakinhar il-partijiet kienu saru inseparabbli. Wara ftit taż-żmien joħorġu flimkien, il-konvenut kien qal lill-attriċi biex ma jdumux ma jiżżewġu u fil-fatt iddeċidew li jiżżewġu nhar it-2 ta' Mejju 1998. Jingħad li żmien l-għerusija l-konvenut kien ferħan u kien juri lill-attriċi li jħobbha, liema attitudni dlonk inbidlet hekk kif huma żżewġu fejn mal-qamar il-għasel il-konvenut inbidel, sar bin-nervi u bediex ikellem lill-attriċi. L-istess aġir baqa' hekk kif il-partijiet marru fid-dar tagħhom, fejn il-konvenut bilkemm beda jkellimha, jagħti kasha, bil-lejl jaqbad u jorqod, bla intimita' ta' xejn. Jiġi spjegat illi matul il-mawra tagħhom ġewwa l-Amerika l-konvenut reġa' beda jkellem lill-attriċi, u fil-fatt ħadu pjaċir hemmhekk fil-

[11] Fol. 28.

kumpanija ta' xulxin, iżda l-konvenut reġa' nbidel hekk kif huma rritornaw lura Malta, u kull darba li l-attriċi ssaqsih x'kien ġaralu huwa kien jirrispondi *'xejn'*.

Darba minnhom l-attriċi tispjega li l-konvenut ma kienx id-dar u ma kienetx taf fejn kien mar. Dakinhar il-konvenut daħal tard ħafna d-dar b'riħa ta' alcohol għaliex kien mar il-każin jixrob ma' sħabu. L-attriċi tgħid li kienet inkwetat ħafna dwar fejn kien mar żewġha u għalkemm kienet qalet lil konvenut kemm kienet inkwetat u li għandhom jgħidu lil xulxin kollox, huwa bħas-soltu injoraha u mar jorqod. Matul il-ġimgħa, il-konvenut baqa' bl-istess attitudni, joħroġ, jidol tard bil-lejl, ma jweġibx u ma jagħtix każ lill-attriċi, qisu mhu qed ikellmu ħadd, liema rutina kienet saret il-ħajja tagħhom ta' kuljum għal xahrejn sħaħ. L-attriċi kienet issuġġeriet li jmorru għal *counselling* u l-konvenut kien aċċetta, fejn kienu marru għand ċertu Dr Joan, iżda wara 3 darbiet il-konvenut ma riedx imur iktar, iżda l-attriċi baqgħat tmur waħedha. Wara tlett xhur miż-ż-żwieġ, il-konvenut ried *break* u mar lura għand ommu, iżda l-attriċi baqgħat toqgħod fil-flat tagħhom, tistenna lill-żewġha jirritorna lura. L-attriċi saret taf li l-konvenut kien qed joħroġ ma' xi ħaddieħor, u l-konvenut kien ammetta mal-attriċi li dan kien minnu għaliex ried jipprova xi ħaġa differenti. Wara xahrejn il-konvenut rritorna lura, fejn għamel ġimagħtejn ferħan, u wara reġa' l-istess rutina. L-attriċi tallega ukoll li meta kienet tikkonfrontah, ilkonvenut ġieli anke refa' jdejh fuqha u jgħidilha biex titlaq mid-dar, liema fond kien jappartjeni lil missier il-konvenut. Jiġi spjegat li darba l-konvenut beda jagħtiha bis-sieq, u biex tiddefendi ruħha l-attriċi tgħid li kienet wadbitlu vażun, fejn laqtitu f'geddumu. Jingħad li baqgħu għaddejjin b'tali ħajja għal bosta xhur.

L-attriċi tispjega illi kienet telqet mid-dar matrimonjali wara episodju fejn l-attriċi riedet il-karozza ta' żewġha sabiex tmur tara li missierha l-isptar għaliex kien għamel operazzjoni iżda dan ma riedx jagħtha l-karozza u beda jiġġieled magħha. Omm il-konvenut kienet sabitha fil-ħanut li kienet taħdem u bdiet tgħajjarha li l-karozza hi ta' binha u bdiet ittiha, fejn il-konvenut ntervjena u qal lil ommu biex ma tindaħalx, iżda huwa kompla jiġġieled mal-attriċi. Għalhekk l-attriċi marret lura għand ommha, u anke jekk il-ġenituri tagħha ppruvaw ikellmu lill-ġenituri tal-konvenut bl-intiża li jgħaqdu lill-partijiet mill-ġdid, dan kien bla suċċess hekk kif il-ġenituri tal-konvenut kienu dejjem iwieġbu illi binhom qiegħed tajjeb. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi kellha taċċetta s-sitwazzjoni u bdiet il-proċess għas-separazzjoni. Wara sena u disa' xhr mhux flimkien, il-partijiet kienu ltaqgħu f'post ta' divertiment, u għax l-attriċi kienet għadha tħobbu aċċettat li tieħu *drink*

miegħu. Il-partijiet irikonċiljaw u marru jgħixu f'dar ġewwa Raħal il-Ġdid, u wara sena xtraw dar f'Ħal-Qormi, u bdew jagħmlu xogħol flimkien. Dan il-perjou kien wieħed sabih immens. Madanakollu tali żmien malajr reġa' spiċċa hekk kif meta marru jgħixu Ħal-Qormi, il-konvenut reġa' beda r-rutina ta' qabel fejn imur jixrob u jidħol tard bil-lejl.

Darba fost l-oħrajn l-attriċi qabdet u marret il-każin mingħajr ma qalet lill-konvenut, u ssib lil żewġha bilqiegħda ma' mara oħra bl-isem ta' E F. Il-konvenut baqa' jidħaq u jitkellem mal-istess F, filwaqt li njorha kompletament lil martu, u għalhekk l-attriċi telqet minn hemm. Il-konvenut kien qal lill-attriċi li E F kienet tħit il-pavaljuni tal-festa, u għalhekk kien jiltaqa' magħha. L-attriċi għalhekk bdiet tmur kuljum il-każin biex tkun viċin żewġha, iżda bdiet tara ħafna kunfidenzi żejda bejn żewġha u E F, u meta l-attriċi kienet tikkumenta dwar ċertu atteġġjament li ma jogħġobiex, il-konvenut kien dlonk jgħidilha *"int ġejt lura... filkas itlaq jekk ma jogħgbokx"*. L-attriċi ma baqgħatx tmur il-każin, tumilja ruħha quddiem kullħadd. Darb' oħra, f'ġurnata li ż-żewġ partijiet kienu *off* mix-xogħol, il-konvenut telaq mid-dar u rritorna lura d-dar wara nofsinhar, fejn qal lill-attriċi li kien kiel ma' ħuh, G u E iż-Żurrieq. L-attriċi bdiet tibki u tgħidlu li trid tissepara, iżda l-konvenut qalilha li ried jibda familja, tant li tlett (3) ġimgħat wara l-attriċi saret taf li kienet tqila bl-ewwel wild tagħhom. Il-konvenut kien ferħan b'tali aħbar iżda xorta baqa' jidħol id-dar tard bil-lejl. L-attriċi kienet tittama' illi kif titwieled it-tarbija l-konvenut kien ser jinbidel u jibda juriha li jħobbha.

Twieled binhom D, u l-konvenut kien ferħan ħafna. Meta kienu għadhom l-isptar, il-konvenut beda juri li l-affarijiet ma kienux ser jinbidlu. Fil-fatt l-attriċi tispjega li hi ma kienetx taħdem u kienet tqatta ħafna ħin ma' binhom id-dar, filwaqt li l-konvenut kien ikun dejjem il-każin. L-attriċi tispjega illi tant kemm il-konvenut ma kienx iqatta' ħin id-dar, kienet tieħu lit-tifel il-ħanut fejn kien jaħdem il-konvenut sabiex dan tal-aħħar jarah ftit. Darba minnhom l-attriċi kienet tant imdejqa bis-sitwazzjoni li l-konvenut jirrotrna d-dar lura tard, u kif ukoll li l-konvenut ma kienx qed iwieġeb lill-attriċi fuq il-*mobile*, li qabdet u marret il-każin tard bil-lejl il-każin, iżda sabet il-każin magħluq. Fil-fatt il-konvenut kien f'*bar* ieħor faċċata tal-każin, fejn kien ma' E F. L-għada l-attriċi marret tieħu parir legali, iżda waslet għad-deċiżjoni li kien ikun aħjar li tkompli tbaghti hi bit-tama li l-konvenut jinbidel u binhom jitrabba f'familja b'ġenituri flimkien. Għalkemm l-attriċi ppruvat tispjega lil konvenut li rieditu jkun iktar preżenti magħhom, huwa

kien qalilha li dik hija ħajtu, u jekk ma jogħġobhiex tista' titlaq mill-ġdid. Darba minnhom tant kienet imxebba' li ppakjat basket biex titlaq, iżda l-konvenut flok waqqafha, kien hu li fetħilha l-bieb biex titlaq. Marret għand ommha għal tlett (3) ijiem u l-konvenut qatt ma ċempel biex jara tal-inqas kif inhu binhom. Madanakollu l-attriċi xorta waħda marret lura d-dar, iżda E F kienet xorta waħda f'ħajjet il-konvenut. Minn hemmhekk iddeċediet li tagħti każ binha biss filwaqt li tinjora dak kollu li kien qed jagħmel żewġha. Fil-fehma tal-attriċi din ir-relazzjoni kienet *'battalja mitlufa'*, fejn hi dejjem ġewwa bit-tifel filwaqt li l-konvenut dejjem jiġġerra barra ma' E. Fl-istess waqt l-attriċi telenka numru ta' episodji fejn l-konvenut dejjem baqa' jagħmel ta' rasu, u kien egoist, fejn ma tax każ il-bżonnijiet tal-familja, inkluż darba meta l-konvenut ħa lill-attriċi għal xi kunċert flimkien ma' E, fejn l-attriċi rat b'għajnejha stess lil żewġha u lil E *hand in hand*, ibusu lil xulxin u jfesfsu fil-widnejn. Lura d-dar, il-konvenut kien refa' jdejh fuq l-attriċi, u l-għada l-attriċi infurmat lill-konvenut li kienet ser tibda separazzjoni. Il-konvenut kien qal lill-attriċi li ma kienx baqa' iktar ma' E u li kien ser inaqqas mill-każin, iżda dan kollu dam għal tlett (3) ġimgħat biss. Il-ħajja baqgħat l-istess, il-konvenut dejjem moħħu fi sħabu, każini u festa, filwaqt li l-attriċi dejjem waħedha ma' binhom. L-unika ħin li kienu verament iqattgħu flimkien kien ikun meta jsiefru.

Konsegwentament l-attriċi bdiet torqod fil-kamra tat-tifel, u bdew is-separazzjoni. L-attriċi spiċċat biex telqet mid-dar u marret għand ommha wara kwistjoni dwar televiżjoni, fejn biex ma jieħdu ħadd, il-konvenut għażel li jkissru.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

i. *<u>L-affidavit ta' H I, ossia omm l-attriċi, debitament maħluf nhar il-25 ta' Jannar 2019 u ppreżentat nhar id-29 ta' Jannar 2019,</u>*[12] li tikkonferma l-verżjoni tal-attriċi;

ii. *<u>Ix-xhieda ta' WPC 99 Josette I,</u>*[13] li ppreżentat r-rapporti magħmula mill-attriċi kontra l-konvenut, kif ukoll il-fedina penali tal-konvenut:

    i. Rapport datat 6 ta' Settembru 2016,[14] dwar dak li kien ġara fl-aċċess ta' binhom mal-konvenut;

[12] Fol. 688.
[13] Fol. 584.
[14] Fol. 587.

ii. Rapport datat 6 ta' Ġunju 2017 rigward inċident li seħħ nhar id-29 ta' Mejju 2016,[15] minħabba li l-garaxx in komuni kien żbarrat u msakkar b'katnazz;

iii. Rapport datat 18 ta' Ġunju 2017 rigward inċident li seħħ nhar it-30 ta' April 2016,[16] li l-konvenut għamel ħsara fuq sett ta' televiżjoni ġewwa r-residenza matrimonjali tagħhom;

iv. Rapport datat 9 ta' Lulju 2017 rigward inċident li seħħ nhar is-6 ta' Ġunju 2017,[17] dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xahar ta' Ġunju 2017;

v. Rapport datat 8 ta' Awwissu 2017 rigward inċident li seħħ nhar it-23 ta' Lulju 2017,[18] dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xahar ta' Lulju 2017;

vi. Rapport datat 15 ta' Awwissu 2017,[19] naqas li jieħu lit-tifel għall-aċċess skont id-digriet tal-Qorti datat 10 ta' Jannar 2017;

vii. Rapport datat 21 ta' Frar 2016,[20] rigward argument li nqala' dwar l-ikel, fejn il-konvenut beda jgħajjat, jgħajjar lill-attriċi u jwaddab l-affarijiet, fejn barra minn hekk meta ppruvat iġġib it-telefon tal-għassa, il-konvenut imbu ttaha mal-ħajt hi u nieżla t-taraġ. Fil-fatt l-attriċi ppreżentat ċertifikat mit-tabib Dr Robert Patinott miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn ġie ċċertifikat li l-attriċi sofriet minn *slight bodily harm'*;

viii. Fedina penali tal-konvenut,[21] fejn jidher li nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati li fixkel lil martu milli jkolha aċċess ta' ħwejjiġha;

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

[15] Fol. 591.
[16] Fol. 595.
[17] Fol. 600.
[18] Fol. 602.
[19] Fol. 605.
[20] Fol. 607.
[21] Fol. 611.

Il-konvenut jixhed *viva voce*,[22] fejn jiddikjara li meta l-partijiet iżżewġu kienu sejrin tajjeb iżda wara sentejn kellhom argument, infirdu iżda konsegwentament irrikonċiljaw tant li fl-2004 kellhom lit-tifel D B. Madanakollu l-konvenut jisħaq illi imbagħad daħal fin-nofs ċertu J, u bdew l-argumenti. J K kien jaħdem magħha, fejn beda jiġi wara l-bieb tad-dar għal ħabta ta' Awwissu 2015, u fit-13 ta' Frar 2016 jingħad li l-attriċi rċiviet messaġġ mingħand dan J K li kien jgħid hekk *"jien ha norqod good night inhobbok"*, liema messaġġ ta lok għas-separazzjoni tal-partijiet.

Konsegwentament il-konvenut jippreżenta l-affidavit tiegħu,[23] fejn jispjega illi meta sar jaf lill-attriċi, kienet din tal-aħħar li qalet lil konvenut biex joħorġu flimkien u dan minkejja li kienet f'relazzjoni oħra. Minn hemmhekk żviluppat relazzjoni bejn il-partijiet u kienu ftehmu data meta kellhom jiżżewġu. Meta żżewġu, wara marru ġewwa lukanda u l-konvenut jgħid li kienet l-attriċi li kenet bierda fil-konfront tiegħu. Il-konvenut jispjega li dak iż-żmien xogħolu kien dejjem mis-7 ta' filgħodu sas-7 ta' filgħaxija, u kellu għal qalbu ħafna l-festa u l-każin, u b'hekk wara x-xogħol kien iqatta' ftit ħin jagħmel xi xogħol volontarjat għall-istess każin iżda ma kienx imur jixrob.

Il-konvenut jiċħad li huwa kellu relazzjoni extra-matrimonjali, iżda jikkontendi li kienet l-attriċi stess li kellha relazzjoni oħra. Barra minn hekk, meta l-partijiet kienu għamlu xi żmien mhux flimkien, il-konvenut jispjega li kienet l-attriċi li kienet toħroġ ma' oħrajn u saħansitra kriet post il-Qawra fejn kienet qed tgħix ma' Pulizija. Jikkonferma li kienu iltaqgħu f'post ta' divertiment, iżda jgħid li kienet l-attriċi li saqsietu biex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom u l-konvenut kien qabel magħha. Jiddeskrivi l-perjodu sussegwenti bħala wieħed sabiħ, fejn kienu ukoll xtraw post flimkien. Barra minn hekk, kellhom ukoll lit-tifel, fejn meta twieled jinnega li qabad u telaq minn ħdejha. Il-konvenut jispjega li kienet l-attriċi: (i) li meta kien ikollha xi *party* jew ikla tax-xogħol kienet tidħol lura d-dar fl-4 ta' filgħodu, (ii) kienet ukoll tmur *Iville* ma' żewġ sħabha irġiel, li kienet *'tħawwadhom'*, u (iii) li titkellem ma' ħabibtha dwar ġuvni li jaħdem magħhom li kien joqgħod ħafna ħdejha.

[22] Fol. 717.
[23] Fol. 727.

Jingħad li sakemm l-attriċi kienet tkun xogħol, it-tifel kien ikun ma' missieru jaħdmu l-affarijiet tal-ħadid għal festa. Barra minn hekk, meta kienu joħorġu flimkien filgħaxija, dawn dejjem joħorġu b'omm l-attriċi magħhom, li kienet takkumpanjahom ukoll meta jsiefru. Il-konvenut jissottolineja li ma kienx jiddejjaq hekk, imma qiegħed jippuntwalizza dan kollu sabiex jistabbilixxi li fil-fatt kienu joħorġu flimkien. Magħdud ma' dan, il-konvenut jisħaq li l-attriċi kif ukoll it-tifel dejjem urew l-appoġġ sħiħ għall-interess tiegħu għal każin, tant li kienu jmorru hemm għal attivitajiet, kif ukoll jagħtu daqqa t'id meta kien ikun hemm bżonn.

Il-konvenut jgħid li kien f'Awwissu tal-2015 fejn sema' lill-attriċi titkellem fuq il-*mobile*, fejn issemma' l-isem ta' J. Huwa kien ikkonfronta lill-attriċi dwar l-affarijiet li kienu għaddejjin minn wara dahru. Lejliet Santa Marija tas-sena 2015, il-konvenut ried imur jara n-nar tal-Imqabba, iżda l-attriċi ma ridietx tmur miegħu. Għalhekk mar mat-tifel, u wara li spiċċa mar lura d-dar, fejn ma sabx lill-attriċi. L-attriċi kienet qalet lil konvenut li kienet ħarġet ma' ommha, iżda dan ma kienx minnu, għaliex l-attriċi kienet ħarġet ma' J K. Magħdud ma' dan, il-konvenut jsostni li l-attriċi kellha ukoll x'taqsam sesswalment mal-imsemmi J K fil-karozza li kellhom. Dak iż-żmien l-attriċi kienet qiegħda torqod mat-tifel, filwaqt li l-konvenut jorqod waħdu. Dan il-perjodu dam għaddej sa Frar 2016, sakemm fit-13 tax-xahar jidħol messaġġ fuq il-*mobile* tal-attriċi li kien jgħid *"ha norqod qalbi goodnight inhobbok"*. Il-konvenut qal lill-attriċi li bejniethom kien spiċċa kollox. J K beda kuljum iċempel lill-attriċi qabel ma jmur ix-xogħol u xi ġranet kien jiġi ħdejn il-bieb tad-dar. Minn hemm bdew il-proċedura għas-separazzjoni, u l-attriċi bdiet tgħajru, tagħmel rapporti foloz. Jispiċċa jgħid li *"l-istorja kollha hija bbazata ghax kont immur il-kazin! Vera, izda A kienet taf minn dejjem li jiena attiv fil-kazin, jiena minn ta' 10 snin kont niffrekwenta l-istess kazin, kont anke nitghallem il-banda u nahdem xi liedna u xoghol iehor volontarju u l-qofol ta' kollox hija l-festa tal-Lunzjata li tant hi ghal qalbi sal-gurnata ta' llum"*.[24]

F'affidvit ulterjuri,[25] il-konvenut jispjega li hu u martu nfirdu fi Frar 2016 stante adulterju da parti tagħha, u ċjoe' J K li kien jaħdem magħha u li fil-preżent għadhom f'relazzjoni.

[24] Fol. 733.
[25] Fol. 764.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut iressaq is-segwenti provi:

i. *Screenshot tal-pjattaforma soċjali Facebook tal-attriċi,*[26] li jistabbilixxu r-relazzjoni adultera li għandha l-attriċi ma' J K, u fejn tgħid li *"Life begins at 40"*;

ii. *Konversazzjoni fuq pjattaforma soċjali msejħa MSN,* bejn żewġt iħbieb subien li jitkellmu fuq A, ċjoe' l-attriċi;[27]

iii. *Kopja ta' post fuq il-pjattaforma soċjali Facebook minn 'A X J K',*[28] fejn l-attriċi tirringrazzja lil żewġha għas-sular il-ġdid li bena fid-dar matrimonjali;

iv. *Kopja ta' post fuq il-pjattaforma soċjali Facebook minn 'A X J K',*[29] fejn l-attriċi rringrazjat lin-nies li saqsewha għal binha D meta ma rawhx fit-tieġ ta' zijuh patern L, u tgħid li binha ma kienx mistieden għall-imsemmi tieġ;

v. *Numru ta' ritratti li juru li l-attriċi u binhom kienu jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-każin u l-festa*.[30]

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

[26] Fol. 768.
[27] Fol. 738 – 741.
[28] Fol. 743.
[29] Fol. 744.
[30] Fol. 787.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[31] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[32] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[33] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[34] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[35] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[36]*; Skond l-istess Qorti*

[31]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. I nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[32]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[33]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. I fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[34]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[35]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[36]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

"*Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[37]

*b. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[38] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[39]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[40] fejn ġie dikjarat li: *"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Mill-provi jirriżulta ċar illi l-partijiet iżżewġu nhar it-2 ta' Mejju 1998, minn liema żwieġ għandhom tifel wieħed, ċjoe' D B. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-kovenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba: (i) in-nuqqas ta' ħin tal-konvenut mal-attriċi u l-familja tagħhom, (ii) il-prijoH' tal-konvenut kienet il-każin, tant li kien imur hemmhekk kuljum jixrob wara xogħol u jidħol lura d-dar tard bil-lejl, u (iii) l-adulterju tal-konvenut ma' E Bonnet, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u adulterju. Min-naħa l-oħra, il-konvenut sfrutta mil-possibilita' li jressaq kontro-talba, fejn saħaq illi ż-żwieġ tkisser minħabba l-aduterju tal-attriċi ma' J K.

---

[37]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[38] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[39] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[40] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija waslet għal konklużjoni illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak *in primis* minħabba:

i. L-involviment tal-konvenut fil-każin, hekk kif mill-atti jirriżulta ċar li l-konvenut għandu namra għal festa tal-lokal, u huwa inkontestat li kien imur kuljum il-każin, u dan skont il-konferma tiegħu stess.[41] Il-Qorti taqbel mal-attriċi illi dan id-delizzju ma kienx qed isir b'moderazzjoni u għaldaqstant kien qed isir a skapitu tan-neċessitajiet tal-familja u ż-żwieġ tal-partijiet. Il-fatt li l-konvenut kien imur kuljum il-każin u jdum sat-8 ta' filgħaxija u dan wara li jkun ilu barra mis-7 ta' filgħodu, juri biċ-ċar illi ma kienx qed iqatta' ħin biżżejjed mal-familja u wisq anqas kien qed iqatta' ħin ta' kwalita' ma' martu u ibnu. Il-Qorti temmen li huwa neċessarju illi fiż-zwieġ, il-partijiet jibqgħu jeżerċitaw il-passatempi tagħhom, iżda dan ma għandux isir b'tali manjiera li jiġu injorati l-ħtiġijiet tal-familja, fejn wieħed bħal donnu jgħix daqslikieku għadu ġuvni jew xebba. Fil-każ odjern, il-Qorti hija konvinta li tali attitudni da parti l-konvenut ikkawżat problemi bejn il-partijiet. Il-fatt li l-attriċi kienet taf bid-delizzju tal-konvenut sa minn qabel iż-żwieġ u kif ukoll li l-attriċi kienet tipparteċipa fl-attivitajiet tal-każin, dawn ma jfissrux illi l-attitudni tal-konvenut hija aċċettabbli. Il-Qorti anzi bil-wisq temmen illi l-attriċi kienet tispiċċa f'dawn l-attivitajiet sabiex kemm hi kif ukoll it-tifel kienu jkunu viċin u jqattgħu ħin mal-konvenut.

Konsegwentament, u per konsegwenza, il-Qorti temmen li ż-żwieġ tal-partijiet tkompla tkisser minħabba:

ii. L-adulterju da parti l-attriċi ma' ċertu J K, liema relazzjoni hija ppruvata permezz ta' diversi doumenti li ġew eżebiti in atti, fejn saħansitra anke l-isem tal-attriċi fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* kien u/jew għadu jinsab *'A X J K'*. Għalkemm il-konvenut ma ressaq l-ebda prova illi f'Awwisu tal-2016 l-attriċi kienet diġa' tkellem lil J K, li fit-13 ta' Frar 2017 kienet irċieviet messaġġ minngħandu fejn jgħidilha li jħobbha, u li kien jiġi għaliha quddiem il-bieb tad-dar, mill-atti jidher illi f'xi ħin tali relazzjoni ħadet żvolta, tant li mill-atti jidher li mill-2018 l-attriċi kienet żgur f'relazzjoni ma' J K.[42] Fil-fehma tal-Qorti għalkemm iż-żwieġ tal-partijiet tkisser

[41] Fol. 811.
[42] Fol. 668.

*primarjament* minħabba l-attitudni tal-konvenut li kien jagħti prijorta' lill-każin, il-Qorti pero' tara li f'xi żmien l-attriċi bdiet ukoll relazzjoni extra-matrimonjali ma' terza persuna.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **H Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn ġie ritenut illi: *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka hames snin wara s-separazzjoni de facto, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien".* Dan il-prinċipju ġie addottat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Rachelle Micallef vs Renald Micallef**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Ġunju 2020, u konsegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti tinsab tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-każ odjern fil-konfront tal-attriċi u dan għaliex huwa inkonfutabbli li l-attriċi bdiet relazzjoni extra-matrimonjali u kompliet tagħti lok għat-tkissir taż-żwieġ.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma taqbilx ma' dak allegat mill-attriċi u ċjoe':

i. *L-attriċi bdiet il-proċess ta' separazzjoni diversi drabi* – Għalkemm ma huwiex kontestat illi l-partijiet għamlu żmien ma jgħixux flimkien u dan minħabba argumenti bejniethom, ma tresqet l-ebda prova illi l-attriċi bdiet il-proċess legali għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet għajr għall-azzjoni odjerna. Il-Qorti tara ukoll li huwa minnu li wara qamar il-għasel il-konvenut mar għal xi żmien lura għand ommu, u dank if jikkonferma hu stess fil-kontro-eżami tiegħu, imma ma ġiex ippruvat għalxiex seħħ dan il-*break*.

Fil-fehma tal-Qorti, is-separazzjonijiet *de facto* tal-partijiet kienu frekwenti, fejn il-partijiet kienu jiġġieldu u jirrikonċiljaw, liema karatteristika fir-rapport tal-partijiet tispikka u per konsegwenza għal Qorti turi illi bejn il-partijiet ma kienx hemm qbil sa minn stadju bikri taż-żwieġ, anzi kien hemm nuqqas ta' kompatibbilita' kif ukoll diverġenza fil-karattri tal-partijiet għaliex anke' jekk il-partijiet kienu jagħmlu perjodu feliċi, dan dlonk jintemm u jerġgħu jispiċċaw bl-argumenti bejniethom;

ii. *L-attriċi riedet tmur counselling, tant li l-partijiet marru għand ċertu Dr Joan, iżda l-konvenut waqaf imur minħabba li skontu dan kien ħela ta' flus iżda l-attriċi baqgħat tmur waħedha* – Il-Qorti tara li ma hemm l-ebda prova li tikkorrabora l-istess, hekk kif il-konvenut ma ġiex mistoqsi fuq dan il-*counselling*, għaliex kienu *se mai* imorru, u għaliex ried li jieqaf jattedi, u lanqas ma tresqet ix-xhieda ta' Dr Joan sabiex tikkorrabora l-allegazzjoni tal-attriċi, fis-sens illi tixhed dwar l-attendenza tal-partijiet kif ukoll dwar il-problema fiż-żwieġ tal-partjiet;

iii. *L-attriċi tallega illi sa minn ftit tax-xhur wara ż-żwieġ il-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali, u konsegwentament kellu ukoll relazzjoni ma' E Bonett* – Dwar ir-relazzjonijiet adulteri li kellu l-konvenut, il-Qorti tara li għajr għall-allegazzjoni tal-attriċi, fl-atti ma tressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-istess verżjoni. Il-fatt li l-konvenut jikkonferma li ġieli kienu jkunu fil-preżenza ta' E Bonett fi grupp, dan bl-ebda mod ma jikkorrabora relazzjoni extra-maHli bejn il-konvenut u listess E Bonnet. Il-Qorti tara li fi kwalukwe każ l-attriċi kellha tal-inqas tressaq ix-xhieda ta' E Bonnet innifisha, kif ukoll ta' nies oħra midħla fil-każin fejn kien jattendi l-konvenut u l-istess Bonnet. Dan ma sarx u b'hekk fin-nuqqas ta' provi li jistabbilixxu b'mod inekwivoku relazzjoni extra-matrimonjali, il-Qorti hija prekluża milli tiddeċiedi b'mod leġġer dwar l-allegat adulterju.

iv. *Il-konvenut kien jidħol lura d-dar dejjem riħa ta' xorb* – Lanqas f'dan ir-rigward ma hemm prova. Għalkemm huwa inkontestat li l-konvenut kien jmur il-każin wara l-ħin tax-xogħol, pero' ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar għalfejn kien imur il-każin il-konvenut, hekk kif l-attriċi tikkontendi li l-konvenut kien mur jixrob u tagħti l-impressjoni bħal donnu l-konvenut għandu l-problema tal-vizzju tax-xorb, filwaqt li l-konvenut jgħid li huwa kien imur jgħin b'mod volontarju f'dak li kien ikun hemm bżonn. Fdan il-

kuntest il-Qorti tara li l-attriċi ma resqet l-ebda prova tal-fatt li l-konvenut kien imur jixrob il-każin wara x-xogħol, iżda min-naħa l-oħra u mill-inventarju li ressaq il-konvenut stess dwar il-mobbli li jinsabu fil-garaxx li għandhom il-partijiet jidher li l-verżjoni tal-konvenut għandha iktar mis-sewwa għaliex tali mobbli juru biċ-ċar illi l-konvenut huwa dilettant sew tal-festa u affarijiet relatati mal-każin. Naturalment il-Qorti ma teskludix li sakemm kien ikun il-każin il-konvenut seta' jieħu xi flixkun birra, pero' mill-atti ma jidhirx li l-konvenut huwa dipendenti fuq l-*alcohol* u li kien jidħol id-dar imlaħlaħ bix-xorb;

v. *Li omm il-konvenut kienet dejjem iżżomm ma' binha u kif ukoll li refgħat idejha fuq l-attriċi* – F'dan ir-rigward ukoll ma tresqet l-ebda prova, hekk kif l-attriċi ma jidhirx li għamlet rapport mal-Pulizija, u fin-nuqqas ta' dan l-attriċi ma resqitx ix-xhieda ta' omm il-konvenut;

vi. *Li l-konvenut kien vjolenti mal-attriċi u li ġieli refa' jdejh fuqha* – F'dan ir-rigward ma tresqet l-ebda prova, għalkemm il-Qorti tara li ġie eżebit rapport wieħed datat 21 ta' Frar 2016 magħmul mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut fejn saħqet illi wara argument fuq it-televiżjoni l-konvenut beda jsabbat, jgħajjat u imbotta lill-attriċi mal-ħajt.[43] Madanakollu l-Qorti tirribadixxi illi f'każ ta' separazzjoni personali, l-atti ta' vjolenza ma jistgħux ikunu singolari u iżolati, iżda ripettitivi fin-natura tagħhom. Barra minn hekk mill-fedina penali tal-konvenut ma jidhirx illi huwa qatt instab ħati ta' vjolenza fil-konfront tal-attriċi. Għalhekk fin-nuqqas ta' provi, il-Qorti ma tistgħax tqis lil konvenut bħala vjolenti fil-konfront tal-attriċi;

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 u 38 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib *primarjament* lill-konvenut ħati ta' moħqrija u ngurji gravi stante li ż-żwieġ tkisser *in primis* minħabba l-attitudni tiegħu, filwaqt li fl-istess waqt issib ukoll

[43] Fol. 607.

lill-attriċi ħatja ta' adulterju għaliex wara s-separazzjoni *de facto* hija kompliet issiġġilat it-tifrik taż-żwieġ.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tagħha, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, l-konvenut huwa ħati ta' moħqrija u nġurji gravi, filwaqt li l-attriċi hija ħatja ta' aduterju, u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati *in toto* fil-konfront taż-żewġ partijiet.

**4. Manteniment għall-Attriċi u għall-Konvenut:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Min-naħa l-oħra, l-istess talba ssir mill-konvenut fil-kontro-talba tiegħu. Il-Qorti tissottolineja illi ż-żewġ partijiet instabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u l-Qorti applikat fil-konfront tagħhom is-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Għalhekk, ebda mill-partijiet ma għandu d-dritt li jitlob manteniment mill-parti l-oħra.

**5. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:**

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieled iben wieħed, u ċjoe' D B mwieled nhar il-21 ta' Settembru 2004. Dan ifisser illi fil-prezent iben il-partijiet għandu sbatax-il

(17) sena u b'hekk għadu minorenni, anke jekk il-Qorti tara li iben il-partijiet ser isir maġġorenni fi żmien xahrejn.

*<u>Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Ulied:</u>*

Digriet tal-10 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti rat ir-rapport ta' Carmen K tal-4 ta' Jannar 2017, u ordnat li l-aċċess tal-missier għal minuri jkun ta' darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis, bejn is-6:00pm u t-8:00pm, dejjem fil-preżenza tal-ġenituri tal-intimat u/jew ta' ħuh, filwaqt li ma hemmx lok għal *sleepovers*;

Digriet tad-9 ta' Mejju 2017, fejn il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għal ibnu u dan oltre l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tiegħu.

**L-Ewwel Rikors f'dawn l-Atti:**

a. Rikors tal-attriċi datat 15 ta' Settembru 2017, fejn talbet lill-Qorti sabiex terġa' tappunta lil Dr Tanya K Catania bħala avukat tat-tfal sabiex wara li titkellem mal-minuri, tirrelata dwar ix-xewqat tiegħu;

b. Risposta tal-konvenut datat 6 ta' Ottubru 2017, ma joġġezzjonax għal tai talba;

c. Digriet tal-10 ta' Ottubru 2017, fejn il-Qorti laqgħat it-talba b'dan li Dr Tanya K Catania tirrelata lill-Qorti fid-dawl tar-risposta tal-konvenut;

d. Ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tat-30 ta' Novembru 2017;

e. Digriet tal-4 ta' Diċembru 2017, fejn il-Qorti ordnat li l-aċċess tal-missier għal minuri jkun sospiż sakemm il-minuri jingħata l-għajnuna psikoloġika li għandu bżonn;

**It-Tieni Rikors f'dawn l-Atti:**

a. Rikors tas-16 ta' Jannar 2018,[44] fejn talab lil Qorti sabiex il-manteniment kif ordnat permezz tad-digriet tad-9 ta' Mejju 2017, jitnaqqas u dan tenut kont tad-diffikultajiet illi huwa għandu;

b. Digriet tal-20 ta' Frar 2018,[45] fejn wara li l-Qorti rat li l-attriċi ma rrispondietx għat-talba kif dedotta, hija laqgħat it-talba u ordat lil konvenut sabiex jibda jħallas is-somma ta' €200 bħala manteniment fix-xahar u dan oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni;

c. Rat ir-risposta tal-attriċi tat-22 ta' Frar 2018,[46]

d. Rikors tal-attriċi tat-28 ta' Frar 2018,[47] fejn talbet ir-revoka tad-digriet tal-20 ta' Frar 2018;

e. Digriet tat-23 ta' Marzu 2018,[48] fejn il-Qorti reġgħat rat ir-rikors tas-16 ta' Jannar 2018 u l-atti sussegwenti, u ċaħdet it-talba;

**It-Tielet Rikors f'dawn l-Atti:**

a. Rikors tal-attriċi datat 10 ta' Settembru 2018,[49] fejn talbet lil Qorti sabiex tawmenta l-manteniment b'€150 oħra fix-xahar biex ikopru sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri biex b'hekk il-manteniment dovut ikun ta' €400 fix-xahar. Sabiex tikkorrabora tali talba, l-attriċi ppreżentat numru ta' rċevuti;

b. Digriet datat 3 ta' Ottubru 2018,[50] fejn ordnat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €300 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

[44] Fol. 43.
[45] Fol. 50.
[46] Fol. 55.
[47] Fol. 79.
[48] Fol. 54a.
[49] Fol. 621.
[50] Fol. 669.

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[51] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[52] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[53] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[54] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-

[51] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[52] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[53] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[54] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**,[55] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[56] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi"*. L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

[55] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[56] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*</u>

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-preżent D B għadu minorenni u b'hekk għadu taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Madanakollu għandu jiġi sottolinejat illi fil-preżent il-minuri għandu sbatax-il (17) sena u li fi żmien xahrejn huwa ser jagħlaq tmintax-il (18) sena u jsir maġġorenni.

Nonostante s-suespost, il-Qorti tara li fid-dawl ta' kif iħossu l-minuri, ir-rapporti ta' Carmen K tal-4 ta' Jannar 2017, ir-rapport ta' Dr Tanya K Catania tat-30 ta' Nvembru 2017, il-Qorti hija tal-fehma li fl-aħjar interess tal-minuri jkun għaqli illi l-kura u kustodja tiegħu tiġi vestita fl-attriċi, b'dana illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attriċi, filwaqt li d-deċiżjonijiet bażiċi u ordinarji ta' kuljum għandu jittiehdu esklussivament mill-attriċi, filwaqt li dawk ta' natura straordinarja inkluz l-applikazzjoni u t-tiġdid tal-passaport, għandhom jittehdu xorta waħda mill-partijiet b'konġunt. Dan qiegħed jiġi ordnat in vista tal-fatt li l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser ta' bilfors

illi tali ġenitur għandu jkun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. F'dan il-kuntest il-Qorti tara idoneju li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef pro et noe vs. Ramona Caruana**,[57] fejn ġie ċċarrat dan il-prinċipju: *"(...) s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb".*

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li fis-sitwazzjoni u fir-rigward tal-aċċess kif mitlub mill-konvenut, jiġi tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[58]

Fil-preżent jidher li l-aċċess tal-minuri mal-missier jinsab sospiż. Għalhekk u tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tasal għal konklużjoni li ġialadarba l-minuri għandu sbatax-il (17) sena u ser isir maġġorenni fi żmien qasir, l-aċċess għandu jkun liberu b'dana illi għandu jifthiem hu ma' missieru meta' għandu jsir l-aċċess.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed

[57] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL).
[58] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

iħallas is-somma ta' €300 kull erba' (4) ġimgħat għal minuri, liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż tal-minuri relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[59] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[60] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[61] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[62]".".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma ressqitx din il-prova, u barra minn hekk mill-atti lanqas ma jidher illi tressqet prova konkreta tad-dħul tal-partijiet, għalkemm jirriżulta li ż-żewġ partijiet jinsabu f'impjieg. Madanakollu, ma jidhirx li kien hemm problema li l-konvenut iħallas manteniment ta' €300 full erba' (4) ġimgħat, iżda liema manteniment ma jidhirx li qatt żdied skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €320 kull erba' (4) ġimgħat għal minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu

[59] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[60] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[61] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[62] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal D B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

## 6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-2 ta' Mejju 1998, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija nhar l-24 ta' Jannar 2018,[63] il-Qorti laqgħat it-talba tal-partijiet kif dedotta fir-rikors konġunt datat 17 ta' Novembru 2017, u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżisteti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta. Għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ilha li ġiet itterminata mid-data meta tali sentenza għaddiet in ġudikat.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

i. *Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz '7, Maria Annunzjata, Triq Fonzu Meli, Ħal-Qormi'*, jidher li tali fond inbiegħ mill-partijiet nhar il-25 ta' Awwissu 2017,[64] versu l-prezz ta' €255,000 u liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Mifsud.[65] F'affidavit tiegħu, il-konvenut iddikjara li mir-rikavat tal-bejgħ tal-fnd matrimonjali, l-ewwel inqata' d-dejn mal-bank

[63] Fol. 11, tal-Atti bin-Numru 135/2017/1 AL.
[64] Fol. 81.
[65] Fol. 769.

u konsegwentament hu u martu ħadu kull wieħed is-somma ta' €95,162.05, u dan kif jidher mill-*istatements* bankarji tiegħu.[66] Fix-xhieda tagħha l-attriċi tikkonferma tali bejgħ, kif ukoll li r-rikavat inqasam bejn il-partijiet;[67]

ii. *Fir-rigward tal-garaxx li jinsab fi Triq Alwiġ Psaila Ħal-Qormi*, l-attriċi ppreżentat stima tal-Perit Matias Camilleri datata 21 ta' Jannar 2019, fejn l-imsemmi garaxx ġie stmat versu l-prezz ta' €22,000.[68] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jiddikjara li tali garaxx nxtara fis-sena 2015 versu l-prezz ta' €14,000, liema somma ġiet imħalsa minn missieru.[69]

Sabiex jikkorrabora dan, il-konvenut jippreżenta kopja ta' ċekk maħruġ mill-konjuġi E. u R. B nhar il-15 ta' Jannar 2015, fejn ħalsu s-somma imsemmija lil N O.[70] Barra minn hekk, ippreżenta ukoll affidavit ta' M B, ossija missieru, debitament maħluf nhar is-6 ta' Marzu 2020 u ppreżentat nhar l-10 ta' Marzu 2020,[71] fejn jikkonferma li sellef tali ammont, kif ukoll is-somma ta' €560 rappreżentanti spejjeż ta' taxxa fuq l-istess garaxx. Jippreżenta ukoll: (i) kopja tal-kuntratt ta' xiri tal-garaxx in kwistjoni minn N O, liema kuntratt huwa datat 15 ta' Jannar 2015 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Daniella Vella Borda versu l-prezz ta' €14,000,[72] (ii) kopja taċ-ċekk ta' E. u R. B fl-ammont ta' €14,000 datat 15 ta' Jannar 2015 u indirizzat lil N O,[73] u (iii) kopja taċ-ċekk ta' E. u R. B fl-ammont ta' €560 datat 15.01.2015 u indirizzat lil Daniela Vella Borda.[74] Min-naħa tagħha l-attriċi tikkonferma li missier il-konvenut ħareġ il-flus għax-xiri tal-garaxx in kwistjoni, iżda dan bħala rigal għalihom għaliex huma qatt ma għamlu skrittura dwar dejn.[75] Hija ssostni illi n-Nutar Dr Daniela Vella Borda, fix-xhieda tagħha tisħaq illi ma tiftakarx li tat parir ieħor li mhux relatat mal-kuntratt ta' xiri u ma tiftakarx ebda self jew diskors jew skrittura f'dan is-sens.

Wara konsiderazzjoni tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi tali garaxx għandu jitpoġġa immedjatament għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bi prezz li ma

[66] Fol. 776.
[67] Fol. 805.
[68] Fol. 685.
[69] Fol. 717.
[70] Fol. 720.
[71] Fol. 750.
[72] Fol. 751, 779.
[73] Fol. 757, 785.
[74] Fol. 758, 786.
[75] Fol. 805, 808.

għandux ikun inqas minn €22,000, b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi, b'dana illi r-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

iii. *Fir-rigward tal-mobbli ġewwa l-garaxx*, in ottemporanza mad-digriet datat 23 ta' Marzu 2018,[76] il-konvenut ippreżenta inventarju ta' tali mobbli,[77] u ċjoe': (i) garigor tal-ħadid, (ii) bieb tal-aluminium, (iii) 10 kaxxi rombli tal-kartun, (iv) 6 *channels* tal-ħadid, (v) 4 *frames*, (vi) presepju, (vii) *nome di Maria*, (viii) biċċiet minn raddiena tan-nar tal-art, (ix) tavluna ta' 13-il pied, (x) mejda tal-injam. L-istess inventarju kif magħmul mill-konvenut jistipula illi dawn l-affarijiet huma parti minn sehmu skont il-ftehim bejn il-partijiet. Il-Qorti tara li għal tali mobbli ma ġiet pprovduta l-ebda stima. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti qiegħda tassenja tali mobbli lil konvenut, b'dana illi tali mobbli għandhom jiġu stmati minn terzi persuni, u konegwentament il-konvenut għandu jgħaddi nofs il-valur ta' tali somma lill-attriċi bħala sehemha mill-istess mobbli;

iv. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara illi mix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,[78] ġie ddikjarat li: (i) f'isem l-attriċi hemm tlett (3) kontijiet u *card account*: (a) 13414928011 bħala *savings account*,[79] (b) 13414928040 bħala *current account*,[80] (c) 40015889933 bħala *savings account*,[81] u (d) 455240130470302230110 bħala *card account*,[82] (ii) f'isem il-konvenut hemm kont wieħed u *card account* li huma miftuħin: (a) 40023938986 bħala *savings account*,[83] u (b) 455240133579301888691,[84] u (iii) f'isem il-partiet b'mod konġunt hemm 4 kontijiet li huma kollha magħluqin: (a) 40011973487 bħala *house loan*,[85] (b) 40011973500 bħala *house loan*,[86] (c) 40019595414 bħala *savingas account*,[87] (d) 40020447153 bħala *house loan*.[88] Il-Qorti tordna li kull parti

[76] Fol. 97.
[77] Fol. 567.
[78] Fol. 99.
[79] Fol. 114, u mmarkat bħala JB2.
[80] Fol. 275, u mmarkat bħala JB3.
[81] Fol. 296, u mmarkat bħala JB4.
[82] Fol. 346, u mmarkat bħala JB9.
[83] Fol. 111, u mmarkat bħala JB1.
[84] Fol. 488, u mmarkat bħala JB10.
[85] Fol. 307, u mmarkat bħala JB5.
[86] Fol. 319, u mmarkat bħala JB6.
[87] Fol. 331, u mmarkat bħala JB7.
[88] Fol. 338, u mmarkat bħala JB8.

għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih;

v. *Fir-rigward ta' vetturi*, il-Qorti tara li mill-provi mresqa ebda waħda mill-partijiet ma għandha vettura rreġistrata fuq isimha. Madanakollu mill-atti jidher li hemm kwistjoni rigward vettura li ġiet mixtrija mill-konvenut għal missieru. Fil-fatt il-konvenut jiddikjara illi huwa xtara tali karozza f'Diċembru 2017 mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond matrimonjali, fejn xtraha għal missieru u ħallas is-somma ta' €21,000 fuq l-istess.[89] Min-naħa l-oħra, M B fl-affidavit tiegħu iddikjara illi ibnu xtralu l-karozza għaliex huwa kien ukoll sellef lill-partijiet is-somma ta' LM10,000 għax-xiri tad-dar matrimonjali kif ukoll issupplixxa materjal sabiex id-dar matrimonjali ġiet abitabbli.[90] Konsegwentament u in kontro-eżami,[91] ix-xhud jgħid li l-vettura nxtrat minn ibnu biex ipatti għall-għajnuna li kien tah qabel, iżda la jaf kemm tiswa', u lanqas ma jaf in-*number plate* tal-istess, iżda jiċħad li tali vettura mhux tiegħu.[92] Min-naħa l-oħra, l-attriċi qiegħda tippretendi li tieħu nofs il-valur ta' tali vettura u dan stante li *"la ma kellniex separazzjoni tal-assi dak iż-żmien jien nieħu nofsha u dan anke jekk jirriżulta li nxtrat mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar u dan għaliex jien ħdmit għal 19-il sena, ħallast il-loan kollu jien tad-dar filwaqt li hu kien jonfoq il-flus fuq ix-xorb"*;[93]

Fir-rigward ta' transazzjoni ta' €21,002.91 magħmula mill-konvenut nhar it-18 ta' Diċembru 2017,[94] bl-intiża *"to pay off vehicle"*, Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc, ippreżentat kopja ta' *bank draft* bin-numru 239973 fis-somma ta' €21,000 mill-kont ta' C B bin-numru 40023938986 u pagabbli lil Michael Debono Limited.[95] Għal tali għan xehed rappreżentant ta' Michael Debono Ltd,[96] li ddikjara li *"C B ma xtara l-ebda vettura f'ismu għax hemm vettura li għamel garanti għaliha fuq terz. Tali vettura hija mħallsa kollha u tħallset fit-18 ta' Diċembru 2017"*. F'xhieda ulterjuri,[97] ix-xhud jiddikjara li tali vettura tat-tip Toyota C-HR Dynamic HSD inxtrat versu l-prezz ta' €35,688.02 fuq isem M B, u l-kuntratt ġie

[89] Fol. 718.
[90] Fol. 750.
[91] Fol. 747.
[92] Fol. 748.
[93] Fol. 805.
[94] Fol. 113.
[95] Fol. 573.
[96] Fol. 584.
[97] Fol. 695, 702.

ffirmat minn M u H konjuġi B, filwaqt li C B ffirma bħala *surety* in vista li l-ġenituri tiegħu kienu diġa' għalqu s-60 sena.[98] Fir-rigward ta' pagamenti jippreżenta rendikont tal-ħlasijiet,[99] fejn jidher li: (i) is-somma ta' €2,000 tħallset nhar it-22 ta' Frar 2017 minn A. B,[100] (ii) is-somma ta' €10,693 tħallset nhar it-2 ta' Mejju 2017 minn L B,[101] (iii) is-somma ta' €376 tħallset nhar it-8 ta' Ġunju 2017 minn E. B a/c B Ironmongery,[102] (iv) is-somma ta' €376 tħallset nhar it-2 ta' Lulju 2017 minn E. B a/c B Ironmongery,[103] (v) is-somma ta' €376 tħallset nhar is-7 ta' Settembru 2017 minn E. B a/c B Ironmongery,[104] (vi) is-somma ta' €376 tħallset nhar l-4 ta' Novembru 2017 minn E. B a/c B Ironmongery,[105] (vii) is-somma ta' €21,000 tħallset nhar it-18 ta' Diċembru 2017 minn C B.[106] Fir-rigward tal-pagamenti l-oħra, ix-xhud ma rnexxilux jikeb kopja taċ-ċekkijiet;

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni, u waslet għal konklużjoni illi l-pretensjoni tal-attriċi u ċjoe' li tingħata nofs is-somma mħallsa mill-konvenut fuq il-vettura in kwistjoni hija inġusta u dan għas-segwenti raġunijiet. Għalkemm il-konvenut jikkontendi li huwa xtara din il-vettura għal missieru, mill-atti jirriżulta illi l-pagamenti ma sarux biss mill-konvenut iżda saħansitra saru ukoll minn ħu l-konvenut L B. Mill-atti ġie ppruvat illi ċ-ċifra mħallsa mill-konvenut bħala pagamenti għall-karozza in kwistjoni hija dik ta' €23,000. Stabbilit dan, il-Qorti tifhem l-argument tal-attriċi u ċjoe' fiż-żmien li saru tali transazzjonijiet kien għad hemm in vigore l-komunjoni tal-akkwisti, pero' jirriżulta ċar illi meta sar il-bejgħ tal-fond matrimonjali, kull wieħed mill-partijiet ħa sehem ugwali għall-ieħor abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet. Il-Qorti tifhem li l-intiża tal-partijiet kienet ċara, u ċjoe' li tali sehem kien ikun jappartjeni lil dik il-parti, tant illi fir-rikors konġunt għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti abbażi tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, jingħad illi l-unika kwistjoni pendenti li kien għad fadal bejniethom kienet il-garaxx, u ma kien hemm l-ebda pretensjoni fuq ir-rikavat li ġie maqsum bejniethom. Għalhekk il-Qorti ssaqsi, ġialadarba l-kwistjoni kienet riżolta bejn il-partijiet, kif issa l-attriċi qiegħda tippretendi

[98] Fol. 697 – 699.
[99] Fol. 705 – 712.
[100] Fol. 706.
[101] *Ibid.*
[102] Fol. 707.
[103] Fol. 708.
[104] Fol. 709.
[105] Fol. 710.
[106] Fol. 711.

sehem mill-flus li jappartjenu lill-konvenut? Bl-istess argument, għalhekk l-attriċi kellha tagħti rendikont ta' x'għamlet hi stess bi flusha li ħadet mir-rikavat u tagħti nofshom lill-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, tali argument ma jreġix, iżda tali pretensjoni hija biss manuvra sabiex l-attriċi tieħu iktar milli ħaqqha;

vi. *Fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni,* mix-xhieda ta' Annalisa Debono in rappreżentanza ta' Mapfre MSV Life,[107] jirriżulta li l-partijiet għandhom fuq isimhom b'mod konġunt żewġ poloz ta' assikurazzjoni relatati mal-*home loan* bin-numri AP002898/30005170 u FP468331/30016993 u li jidhru li huma *lapsed* u ġew *discharged* nhar id-29 ta' Awwissu 2017, filwaqt li l-attriċi għandha oħra fuq isimha biss li hija tat-tip *comprehensive flexi plan* in-numru FP530074 li bdiet fis-16 ta' April 2018 u għadha attiva.[108] Il-Qorti tara li in vista li ż-żewġ poloz konġuni ġew *lapsed,* dan mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom, filwaqt li l-polza tal-assikurazzjoni l-oħra li tinsab fuq isem l-attriċi, din għandha tinżamm fuq isimha stante li hija parafernali hekk kif ġiet mbdija wara li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet;

vii. *L-allegat dejn fil-konfront ta' missier il-konvenut u missier l-attriċi*, jirriżulta illi fl-affidavit ta' M B, ossija missier il-konvenut, jiddikjara illi huwa kien: (i) sellef lill-partijiet is-somma ta' LM10,000 sabiex jixtru l-imsemmi fond, (ii) issupplixxa l-materjal kollu li kellhom bżonn sabiex din id-dar minn ġebel u saqaf ġiet abitabbli,[109] u (iii) sellef ukoll lill-paerijiet is-somma ta' €14,560 għax-xiri tal-garaxx. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ukoll tikkontendi li missierha kien għinhom fi flus, u dan jikkonfermah ukoll il-konvenut,[110] għalkemm ma ssemmiet l-ebda ċifra.

Il-Qorti tara li dawn il-kwistjonijiet huma bil-ferm ikkontestati mill-partijiet, u għalkemm tresqu xi provi f'dawn ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma illi in vista li ma hemm l-ebda qbil u indikazzjoni ċara ta' jekk il-flus in kwistjoni ġewx mislufa jew mogħtija lill-partijiet bħala rigal, ikun idoneju illi ssir talba *ad hoc* minn min qiegħed jallega kreditu kontra l-konjuġi sabiex jiġbor lura dak li qiegħed jallega li huwa tiegħu.

---

[107] Fol. 569.
[108] Fol. 574.
[109] Fol. 750.
[110] Fol. 812.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna treqet biss il-prova tal-olza tal-assigurazzjoni li tinsab fuq isem l-attriċi li hija parafernali. Għajr għal tali polza, mill-atti ma jirriżultax li hemm assi parafernali oħra.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba moħqrija u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-konvenut, kif ukoll minħabba adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-attriċi, u dan filwaqt li tawtorizza lil konvenut jgħix separatament minn martu;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi filwaqt li tiċħad limitatament it-tieni talba rikonvenzjonali, u tafda l-kura u kustodja ta' D B esklussivament f'idejn fl-attriċi, b'dana illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attriċi, filwaqt li d-deċiżjonijiet bażiċi u ordinarji ta' kuljum għandhom jittiehdu esklussivament mill-attriċi, iżda dawk ta' natura straordinarja inkluż l-applikazzjoni u t-tiġdid tal-passaport għandhom jittehdu xorta waħda mill-partijiet b'mod konġunt.

3. Tilqa' it-tielet talba rikonvenzjonali u tordna li l-aċċess għandu jkun liberu b'dana illi għandu jkun il-minuri li jiftihem ma' missieru meta' għandu jsir l-aċċess;

4. Tilqa' fl-inteH' tagħha it-tielet talba u limitatament il-ħames talba attriċi fir-rigward tal-manteniment għal minuri, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll tmenin Ewro (€80) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull erba' (4)

ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €320 kull erba' (4) ġimgħat għall-minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal D B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu; tiċħad il-bqija tal-ħames talba fir-rigward tal-manteniment tal-attriċi;

5. Tiċħad limitatament ir-raba' talba attriċi, kif ukoll tiċħad ir-raba' talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-manteniment li l-partijiet għandhom jipprovdu għal xulxin; iżda tilqa' limitatament ir-raba' talba tal-attriċi fis-sens illi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment mingħand l-attriċi;

6. Tilqa' il-ħames talba rikonvenzjonali u tiddikjara li l-attriċi ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut;

7. Tilqa' s-sitt talba attriċi, kif ukoll is-sitt talba rikonvenzjonali, u filwaqt li tiddikjara li ż-żwieġ tfarrak minn Frar 2016,[111] tiddeċiedi li xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divżżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*, filwaqt li tinnomina lil Dr. Sean Critien bħala n-Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv, u Dr. Jason Grima u l-P.L. Davina Sullivan bhala kuraturi deputati li lilhom imiss skont it-turn sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja tal-partijiet fuq l-istess att f'każ li xi ħadd minnhom jonqos milli jottempora ruħu mal-ordinjiet kif mogħtija f'din is-sentenza;

[111] Liema data ma ġietx ikkontestata mill-attriċi.

8. Tiċħad is-seba' talba attriċi fir-rigward tal-ġid l-ieħor komuni tal-partijiet li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tilqa' it-tmien talba attriċi, iżda tiċħad id-disa' talba attriċi fir-rigward tal-assi parafernali tal-attriċi;

10. Tiċħad is-seba' u t-tmien talba rikonvenzjonali fir-rigward tal-assi parafernali tal-konvenut;

11. Tiċħad l-għaxar talba attriċi u d-disa' talba rikonvenzjonali, fir-rigward tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

12. Filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 474/1998, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut stante li t-tifrik taż-żwieġ seħħ primarjament minħabba l-attitudni tiegħu, u terz mill-attriċi hekk kif hija kompliet tkisser iż-żwieġ minħabba l-adulterju kommess minnha.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. H Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur